

Brussell, 1 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0051(COD)**

---

---

15024/1/22  
REV 1 ADD 2

DRS 64  
SUSTDEV 203  
CODEC 1793  
COMPET 928

**NOTA**

---

|       |   |
|-------|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) |
| fi:   | 30 ta' Novembru 2022                            |
| lil:  | Kunsill   |

---

|                |         |
|----------------|---------|
| Nru dok. Cion: | 6533/22 |
|----------------|---------|

---

|          |  |
|----------|--|
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937<br>- Approċċ Ġenerali<br>= <i>Dikjarazzjoni mill-Irlanda</i> |
|----------|--|

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Irlandiża dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività tal-1 ta' Diċembru 2022.

**Proposta għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva**

**Dikjarazzjoni mill-Irlanda**

**li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill COMPET tal-1 ta' Diċembru 2022**

L-Irlanda ilha tappoġġa l-oġġettiv tad-Direttiva proposta li ser ikollha rwol sinifikanti fil-promozzjoni ta' mgħiba responsabbli fin-negozju. Qafas għall-UE kollha jinsab fl-aħjar pożizzjoni kemm biex jappoġġa l-funzjonament tas-suq uniku kif ukoll biex jinfluwenza r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent lil hinn mill-UE. L-Irlanda ilha tfittex li tiżgura li l-proposta tkun ambizzjuża filwaqt li ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn li tipprovdi protezzjonijiet effettivi għall-partijiet ikkonċernati u li tiżgura li l-miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-kumpaniji jkunu ċari, proporzjonati u infurzabbli. L-Irlanda tqis li l-proposta għandha tapplika għas-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż l-impriżi finanzjarji regolati fis-settur finanzjarju.

L-Irlanda tinsab diżappuntata li l-verżjoni finali tat-test, li għet quddiem il-Kunsill illum, tipprovdi flessibbiltà lill-Istati Membri biex jeskludu s-settur finanzjarju. L-Irlanda hija heqana li tiżgura li kwalunkwe approċċ maqbul jappoġġa l-armonizzazzjoni, jippromwovi l-koerenza politika u jevita r-riskju ta' frammentazzjoni fis-suq uniku. Għaldaqstant, aħna ma appoġġajniex l-approċċ rivedut tal-Presidenza u astjenedna mill-adozzjoni ta' Approċċ Ġenerali.

Madankollu, din hija proposta rivoluzzjonarja li ser toħloq obbligi legalment vinkolanti għall-kumpaniji fir-rigward tal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent. L-Irlanda tistenna b'interess konklużjoni b'suċċess għan-negozjati tat-trilogu li jmiss u li jintlaħaq qbil dwar Direttiva finali f'data bikrija.

---